**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **776/2022**

**L-AVUKAT DR MALCOLM MIFSUD (KI 405168M)**
**A NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA'**
**MARGARET GLORIA VELLA, DIANE DULCIE CAMILLERI, KATHERINE MIFSUD, MARY CATHERINE VELLA, JOSEPH JOHN GAUCI, ANNIE MARY VELLA U THERESA KATRIN O'NEILL**
**KOLLHA RESIDENTI L-AWSTRALJA**

**VS**

**JOHN CAUCHI, CATHERINE BORG, ANNA ZAMMIT, JOSEF CAUCHI, RINA FRENDO, PAULINE SIVE PAOLA VELLA, FRANCIS GRECH, GIOVANNA GAUCI, JOHN CAUCHI, HILDA CAMILLERI, GODWIN CAUCHI, U L-EREDI MHUX MaGĦRUFA TA' VICTOR GRECH**

**U B'DIGRIET TAS-16 TA' NOVEMBRU 2022, ROMINA BORG U ALVIN GRECH ASSUMEW L-ATTI MINFLOK MISSIERHOM VICTOR GRECH**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, għaxra (10) ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar talba sabiex jiġi dikjarat illi t-testment ta' Nazzarena Cauchi tat-tmintax (18) ta' Novembru 2021 huwa null u bla effett stante illi l-istess Nazzarena Cauchi ma kinitx kapaċi tiddisponi l-assi tagħha permezz ta' testment a tenur tal-Artikolu 597(d) tal-Kap 16, u sabiex jiġi pubblikat kuntratt ta' diviżjoni bejn il-partijiet skont it-testmenti tat-tmienja (8) t'Ottubru 2003 u tat-tnax (12) t'April 2012;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat datat ħamsa u għoxrin (25) t'Awwissu 2022, ir-rikorrenti **L-Av Dr Malcolm Mifsud noe** ippremetta:

   a. *Illi Nazzarena Cauchi mietet nhar il-31 ta' Marzu tas-sena 2022 hekk kif indikat fiċ-ċertifikat tal-mewt tagħha hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

   b. *Illi d-decujus għamlet numru ta' testmenti fosthom l-ewwel testment datat is-17 ta' Ġunju 1986, it-tieni testment datat it-8 ta' Ottubru 2003, it-tielet testment datat it-12 ta' April 2012 u l-aħħar testment datat it-18 ta' Novembru 2021, hawn annessi u rispettivament mmarkati Dok B sa Dok E;*

   c. *Illi l-atturi huma t-tfal rispettivi ta' Concetta Gauci u Giovanni Cauchi, filwaqt li l-konvenuti huma t-tfal rispettivi tal-mejtin tal-aħwa Carmelo Cauchi, Maria Grech u Gianmari sive John Mary Cauchi. Id-decujus Nazzarena Cauchi hija oħt il-ġenituri tal-partijiet;*

   d. *Illi l-axxendenti tal-partijiet kienu kollha imsemmija fit-tieni testment bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom f'każ ta' premorjenza jew inkella*

*bid-dritt tal-akkrexximent skond il-liġi, pero fl-aħħar testment il-konvenuti biss ġew innominati bħala eredi tad-decujus bl-esklużjoni tal-atturi;*

e. *Illi fiż-żmien tal-aħħar testment jiġifieri ta' nhar it-18 ta' Novembru 2021 it-testatriċi kienet qegħda ssofri minn dementia u ċertament fl-eta' avvanzata ta' 91 sena ma kinitx f'kundizzjoni li tbiddel it-testment u b'hekk ma kinitx kapaċi tagħti l-kunsens tagħha biex tbiddel it-testment in kwestjoni;*

f. *Illi jidher ċar li l-kunsens tad-decujus kien ivvizjat għaliex fit-testment tat-18 ta' Novembru 2021 eskludiet lill-Atturi u żammet biss il-Konvenuti;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent noe talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara li fit-18 ta' Novembru 2021, Nazzarena Cauchi ma kinitx kapaċi li tiddisponi l-assi tagħha permezz ta' testment a tenur tal-Artikolu 597(d);*

   ii. *Tiddikjara t-testment tat-18 ta' Novembru 2021 huwa null u bla effett;*

   iii. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt ta' diviżjoni bejn il-partijiet skond it-testmenti ta' nahr it-8 ta' Ottubru 2003 u ta' nhar it-12 ta' Apil 2012 u tinnomina lill-kuraturi għall-assenti.*

   *Bl-ispejjeż.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tnejn (2) ta' Settembru 2022, din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu u jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tad-difiża tagħhom, filwaqt illi ordnat lir-rikorrenti sabiex sa ġimgħatejn qabel is-seduta jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba, jekk mhux ġia preżentati. Il-kawża

ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar il-Ħamis, sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2022, il-konvenuti **John Cauchi et** eċċepew illi:

   a. *Preliminarjament l-intimata indikata bħala "Hilda Cauchi" jisimha "Hilda Camilleri" u għalhekk għandha ssir il-korrezzjoni opportuna f'dan is-sens;*

   b. *Inoltre, preliminarjament ukoll, l-okkju għandu jiġi korrett ukoll billi flok il-kliem "l-eredi mhux magħrufa ta' Victor Grech" għandhom jidħlu l-kliem "Romina Borg u Alvin Grech", ulied l-imsemmi Victor Grech, illum mejjet. Dan il-fatt huwa diġa' ben magħruf mill-intimati kollha. Għal kull buon fini, l-imsemmija Romina Borg u Alvin Grech qegħdin kontestwalment jippreżentaw rikors biex jiġu awtorizzati jassumu l-atti bħala intimati minflok l-"eredi ta' Victor Grech"*;

   c. *Fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur nomine;*

   d. *Mhux minnu li Nazzarena Cauchi ma kinitx kapaċi tiddisponi mill-assi tagħha permezz ta' testment. Hija ġiet eżaminata mill-Psikjatra Dr Joseph Cassar ftit jiem qabel għamlet l-aħħar testment tagħha u dan iċċertifika li minkejja l-eta' tagħha, kellha memorja u għarfien tal-assi tagħha u l-amministrazzjoni tagħhom, b'mod li setgħet tiddisponi minn ġidha;*

   e. *Konsegwentement u f'kull każ, it-testment ta' Nazzarena Cauchi tat-18 ta' Novembru 2021 huwa validu, u ma hemmx lok li jiġi dikjarat null u bla effett;*

   f. *F'kull każ ukoll u mingħajr preġudizzju, it-tielet talba tal-attur nimine ma tistax tintlaqa' għaliex ma saret ebda talba biex jiġu likwidati jew determinati l-assi tal-mejta, jew biex jiġu determinati l-benefiċċjarji li,*

*skond l-attur nomine, huma intitolati għall-wirt, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar it-talba għall-qasma;*

g. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent noe datat ħamsa u għoxrin (25) t'Awwissu 2022, u d-dokumenti annessi miegħu;

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati datata tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2022;

8. Rat l-affidavit ta' **Joseph John Gauci** immarkat **Dok AR1** a fol 32 *et seq* tal-proċess;

9. Rat l-affidavit ta' **Margaret Gloria Vella** mmarkat **Dok AR2** a fol 47 *et seq* tal-proċess;

10. Rat l-affidavit ta' **Annie Mary Vella** mmarkat **Dok AR3** a fol 57 *et seq* tal-proċess;

11. Rat il-kopja tal-affidavit ta' **Mary Catherine Vella** mmarkata **Dok AR4** a fol 62 *et seq* tal-proċess, u l-oriġinal esebit a fol 84 *et seq* tal-proċess;

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Monique Formosa**, prodotta mill-attur noe waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2023[1];

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Princess Pamela Timbasa**, prodotta mill-attur noe waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2023[2];

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 100 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 105 *et seq* tal-proċess

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Sr Phyllis Grima**, prodotta mill-attur noe waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu 2023[3], u rat id-dokumenti minnha esebiti u kollettivament immarkati **Dok PG1** a fol 126 *et seq* tal-proċess;

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tan-**Nutar Clinton Bellizzi**, prodott mill-attur noe waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu 2023[4];

16. Rat l-affidavit tan-**Nutar Daniela Mercieca**, immarkat **Dok DM1** a fol 142 tal-proċess, u t-testment pubblikat fl-atti tagħha nhar it-tnax (12) t'April 2012 immarkat **Dok DM2** a fol 143 *et seq* tal-proċess;

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Michael Azzopardi**, prodott mill-attur noe waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'April 2023[5];

18. Rat il-kopja awtentika tal-aħħar testment ta' Nazzarena Cauchi, datat tmintax (18) ta' Novembru 2021, esebit mir-rikorrent noe a fol 195 *et seq* tal-proċess;

19. Rat l-affidavit ta' **John Cauchi (302253M)** a fol 204-205 tal-proċess;

20. Rat l-affidavit ta' **John Cauchi (452562M)** a fol 206 tal-proċess;

21. Rat l-affidavit ta' **Romina Borg** a fol 207 tal-proċess;

22. Rat l-affidavit ta' **Catherine Frendo** a fol 210 tal-proċess;

23. Rat l-affidavit ta' **Pauline Vella** a fol 211 tal-proċess;

24. Rat l-affidavit ta' **Godwin Cauchi** a fol 212 tal-proċess;

25. Rat l-atti tal-mandat t'inibizzjoni fl-istess ismijiet premessi bin-numru 1925/2023 JVC degretat fl-erbgħa u għoxrin (23) t'Ottubru 2023, allegat b'digriet mogħti waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Novembru 2023;

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 118 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 138 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 183 *et seq* tal-proċess

26. Rat il-prokura ġenerali tad-defunta Nazzarena Cauchi favur in-neputijiet tagħha John Cauchi (302253M) u John Cauchi (452562M), esebita mir-rikorrenti bħala **Dok JC1** a fol 215 *et seq* tal-proċess;

27. Rat iċ-ċertfikat maħruġ mill-Psikjatra Dr Joseph Cassar nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju 2015, esebit mir-rikorrenti bħala **Dok JC2** a fol 219 tal-proċess;

28. Rat l-affidavit ta' **Dr Joseph Cassar** a fol 221 tal-proċess;

29. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **John Cauchi (302253M)** prodott mir-rikorrent noe in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħdax (11) t'April 2024[6];

30. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **John Cauchi (452562M)** prodott mir-rikorrent noe in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħdax (11) t'April 2024[7];

31. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Joseph Cassar** prodott mir-rikorrent noe in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2024[8];

32. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent noe datata ħdax (11) ta' Lulju 2024 a fol 249 *et seq* tal-proċess;

33. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata sebgħa (7) t'Ottubru 2024 a fol 267 *et seq* tal-proċess;

34. Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza;

35. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 225 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 234 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 242 *et seq* tal-proċess

36. Jirriżulta mill-atti tal-kawża odjerna illi Nazzarena Cauchi, illi ġiet nieqsa nhar il-31 ta' Marzu 2022, għamlet erba' testmenti tul ħajjitha:

a. **L-ewwel testment datat 17 ta' Ġunju 1986**, pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr John Debono, illi permezz tiegħu innominat bħala eredi universali lil ħuha Antonio Cauchi[9];

b. **It-tieni testment datat 8 t'Ottubru 2003**, pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi, illi permezz tiegħu ħassret u rrevokat l-ewwel testment, u nnominat bħala eredi universali tagħha lil oħtha Sr Dionisia Cauchi, u f'każ ta' premorjanza, lil ħut it-testatriċi Maria Grech, Carmelo Cauchi, Giovanni Cauchi, Gianmari Cauchi u Concetta Gauci, bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedhom f'każ ta' premorjanza jew inkella bid-dritt tal-akkrexximent skont il-liġi[10];

c. **It-tielet testment datat 12 t'April 2012**, pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Daniela Mercieca, illi permezz tiegħu żiedet Artikolu mat-tieni testment tagħha, billi ddikjarat illi xtaqet lin-neputi tagħha John sive Johnny Cauchi jieħu ħsieb il-funeral tagħha, u juża lil Lino Briffa bħala *undertaker*[11];

d. **L-aħħar testment datat 18 ta' Novembru 2021**, pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Abela, illi permezz tiegħu ħassret u rrevokat it-testmenti kollha illi kienet għamlet sa dakinhar, u filwaqt illi ħatret lin-neputijiet tagħha John Cauchi (302253M) u John Cauchi (452562M) esekuturi testamentarji u ħallitilhom b'titolu ta' prelegat in piena proprjeta' s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) kull wieħed, innominat bħala eredi universali tagħha, għal terz indiviż (1/3) ulied ħuha Carmelo Cauchi (cioe l-konvenuti John, Godwin u Hilda), għal terz indiviż (1/3) ulied ħuha John Mary (cioe l-konvenuti John, Catherine, Anna u Josef), u għal terz indiviż (1/3) ulied oħtha Maria (cioe l-

[9] **Dok B** a fol 6 *et seq* tal-proċess
[10] **Dok C** a fol 8 *et seq* tal-proċess
[11] **Dok D** a fol 10 tal-proċess

konvenuti Paola, Giovanna, Rina, Francis u wlied Victor)[12], ad esklużjoni tar-rikorrenti;

37. Ir-rikorrenti qed jikkontendu illi Nazzarena Cauchi ma kinitx kapaċi tiddisponi l-assi tagħha permezz tal-aħħar testment tagħha, u dan a tenur tal-Artikolu 597(d) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jgħid:

> *597. Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment:*
> *[...]*
> *(d) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment;*

38. Għaldaqstant, ir-rikorrenti qed isostnu illi l-aħħar testment, u cioe dak tat-18 ta' Novembru 2021, huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 599 tal-Kap 16 illi jgħid:

> *599. It-testmenti magħmulin minn persuni inkapaċi huma nulli, ukoll jekk l-inkapaċita' tat-testatur tispiċċa qabel il-mewt tiegħu.*

Qegħdin isostnu għalhekk illi l-assi ta' Nazzarena Cauchi għandhom jiġu diviżi skont it-testmenti preċedenti, u cioe dawk tat-8 t'Ottubru 2003 u tat-12 t'April 2012, b'dana għalhekk illi huma wkoll, qua ulied l-aħwa Concetta Gauci u Giovanni Gauci, ikollhom sehem mill-wirt tal-istess Nazzarena Cauchi;

39. Ir-raġunijiet illi fuqhom qed jibbażaw it-talbiet tagħhom huma essenzjalment is-segwenti, liema raġunijiet jirriżultaw mill-affidavits rispettivi tagħhom (**Dok AR1 sa AR4** a fol 32 *et seq* tal-proċess):

---

[12] **Dok E** a fol 11 *et seq* tal-proċess

(a) In-neputijiet tal-Awstralja kienu jmorru jirrisjedu fid-dar tad-defunta Nazzarena Cauchi fil-Mellieħa meta jiġu Malta għal btala;

(b) Meta Nazzarena Cauchi ġiet rikoverata f'APAP Institute, in-neputijiet kienu jmorru jżuruha meta jkunu Malta fuq btala;

(c) Nazzarena Cauchi kellha ritratt tan-neputijiet tagħha tal-Awstralja fil-kamra tagħha f'APAP Institute;

(d) Ir-rikorrenti jsostnu illi, lejn l-aħħar ta' ħajjitha, u cioe mill-2019 'il quddiem, huma bdew jinnotaw illi Nazzarena Cauchi kienet qed tkun kemmxejn diżorjentata fil-konverżazzjonijiet tagħha magħhom, u bdew jissuspettaw illi kienet qed tbati bi problemi ta' memorja, ossia *memory loss*. **Joseph John Gauci** jgħid illi, *"My wife and I noticed that aunty Nazzarena was frequently struggling to structure her sentences and pronounce her words without stuttering during our visits in 2019."* u li *"I had a discussiong with my cousin John Cauchi (defendant, John Mary Cauchi's son), on 8 September 2019 (day of the Mellieħa Fiesta) regarding aunty Nazzarena's health. He mentioned she was not remembering when people visited her and was becoming more forgetful."*[13] **Annie Mary Vella** tgħid, *"In the period of 2020-2022 – I did not speak with my Aunty much due to her loss of memory and speech impairment as she was forgetting who she was speaking to during the call and would rattle on and did not make any sense."*[14] **Margaret Gloria Vella** ssostni wkoll illi, *"In our last visit June 2019, we noticed a significant loss of memory and change in ability to communicate. We went to visit her, but she didn't recognise me or my husband. We tried to encourage her memory by mentioning names like my parents ad children. This resulted in her thinking I was my mother, and my husband was my father."*[15]

[13] A fol 39 tal-proċess
[14] A fol 58 tal-proċess
[15] A fol 53 tal-proċess

(e) Skont ir-rikorrenti, ir-relazzjoni illi kellha Nazzarena Cauchi man-neputijiet tal-Awstralja kienet waħda illi kienet tirrendi straordinarju l-fatt illi hija rrevokat in-nomina tagħhom bħala eredi universali fit-testment tagħha, u dan stante illi kienet ġeneruża ħafna magħhom matul ħajjitha u kellha wkoll rabta qawwija magħhom kif evidenti mill-fatt illi kienet tħallihom jirrisjedu fid-dar tagħha waqt btala u li kienu jitkellmu magħha ta' sikwit permezz tat-telefon;

40. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija reċentement fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs John Camilleri***[16]:

> *48. Bħala daħla, jixraq li jingħad mal-ewwel li: «skont il-ġurisprudenza tagħna, hemm preżunzjoni iuris tantum illi: kull min ikun għamel testment huwa kapaċi biex jiddisponi minn beni tiegħu; salv prova kuntrarja (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* **Giuseppe Formosa v. Giuseppa Axiak** *deċiża fl-20 ta' Ġunju, 1938, u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* **Pawlu Farrugia et v. Carmelo Farrugia et** *deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2004)» (Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta'* **Victoria Galea v. Mary Casingena et** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020. Huwa wkoll magħruf sewwa li din il-preżunzjoni m'għandhiex titwarrab faċilment u dan sakemm: «l-inkapaċità ma tkunx tirriżulta b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoċi u ma jkunx ġie pruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qed jagħmel it-testment» (Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta'* **Joseph Vassallo et. v. Dr. Victor R. Sammut***, deċiża minn din il-Qorti fil-24 ta' April, 1950 (Kollez. Vol. XXXIV.i.108) (ara s-sentenza tal-Qorti tal-*

[16] Rik Nru 47/13/1 AF, Qorti tal-Appell (Superjuri), 21 ta' Novembru 2024

*Appell fis-sentenza fl-ismijiet* ***Angelo Saliba et v. Josephine Saliba****).*

*49. Sfiq ma' dan, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Angelo Saliba et v. Josephine Saliba maqtugħa fil-15 ta' Novembru, 2023 tenniet li: «Kien imiss lill-appellanti li jressqu provi tajba biżżejjed biex jippruvaw il-każ tagħhom, u dan aktar u aktar f'każ bħal dak tal-lum meta huwa mifhum li talba għal tħassir ta' testment m'għandhiex tintlaqa' jekk l-inkapaċità mentali tat-testatur fil-ħin tat-testment "ma [t]irriżultax b'mod ċert, minn fatti preċiżi u univoċi» (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' Margaret Rossignaud et. v. Myriam Pellegrini et deċiża fit-28 ta' Ġunju 2018).*

*50. […] Fuq kollox, ma jridx jitwarrab il-fatt li t-twaqqigħ ta' validità ta' testment m'għandhiex tkun ir-regola iżda l-eċċezzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar it-testment huwa x-xewqa ta' testatur għal mod ta' kif il-patrimonju tiegħu se jiddevolvi wara mewtu u din ir-rieda għandha titħares kemm jista' jkun, sakemm ma jirriżultax li x-xewqa espressa ma kinitx ħielsa jew it-testatur ma kellux il-kapaċità biex jesprimi dik li tidher bħala x-xewqa tiegħu fl-att.*

41. Dan l-insenjament isegwi ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana dwar il-prinċipji illi jirregolaw azzjoni għall-impunjazzjoni ta' testmenti, bħal, *inter alia*, dak illi ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Pawlu Farrugia et vs Carmelo Farrugia et***[17], ċitata b'approvazzjoni f'***Victoria Galea vs***

[17] Ċit Nru 1523/1997/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ N Cuschieri, 5 t'Ottubru 2004 (in ġudikat)

***Mary Casingena et***[18], fejn, b'referenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak***[19], ġie spjegat:

> *Illi l-rekwizit tal-kapacita' mentali biex wiehed jiddisponi b' testment, ma jirrikjedix "una mente perfettament e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cioe' che si fa…….. basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione raziocinio o memoria ondesia capace di determinazione e di volonta' ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose …".*
>
> *"Huma nkapaci li jaghmlu testment dawk illi, fi zmien it-testment ma jkunux f'sensihom [of sound mind]; u ghalhekk min ikun qieghed jimpunja t-testment ikollu bzonn li juri li fil-mument tat-testment jew, almenu skond xi awturi, fl-epoka li sar it-testment it-testatur ma kienx kapaci"*
>
> *3. Il-prova tal-inkapacita' tispetta lil min jallegaha fuq l-istregwa tal-principju fuq citat. Din il-prova trid tkun cara, univoka u konklusiva. "La prova deve essere piena e rigorosa talmente di accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, ne' volonta propriea".*
>
> *"Biex tigi stabbilita l-insanita' mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizzji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet …….. i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di*

[18] Rik Nru 799/2006, Qorti tal-Appell (Superjuri), 23 ta' Novembru 2020
[19] Qorti tal-Appell (Superjuri), 20 ta' Ġunju 1938, Vol XXXA.I.176

*persona defunta a riguardo della quale non sono piu' possibilie quegli esperimenti medico legali.."*

*Fattur determinanti sabiex tigi stabbilita' s-sanita' mentali tat-testatur hija r-ragjonevolezza tad-dispsozizzjonijiet li jinsabu fit-testment. Huwa relevanti l-ezami tal-fatt jekk it-testment "e cosi' fatto da non riscontrarsi in esso alcun segno di stoltezza" u jekk "l' atto porta I caratteri della saggezza"*

42. Dwar opinjonijiet mediċi, kompliet tgħid din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza appena ċitata:

*Ghandhom ukoll relevanza qawwija id-deposizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testatrici u n-Nutar li kkonfezzjona t-testement, dwar l-istat u l-komportament tat-testatrici fiz-zmien relevanti. "Sebbene non costituire l'asserto del notaro che il disponente era sano di mente, da se, la prova della capacita' mentale del testatore, tuttavia le constatazioni del notaro ottenuto all' oggetto di accertarsi della capacita' a testare del disponente forniscono u importante elemento di prova che, unito ad altri, puo condurre ad un esatto giudizio sul problema da risolvere.."*

43. Fil-mertu jiġi osservat illi l-verżjoni mogħtija mill-intimati hija dijametrikament opposta għal dik mogħtija mir-rikorrenti. Infatti l-intimati, fl-affidavits rispettivi tagħhom[20], jgħidu illi Nazzarena Cauchi baqgħet b'moħħha tajjeb ħafna, u kienet tiftakar x'jisimhom it-tfal tagħhom u tkellemhom fuq il-familja u l-fond tal-Mellieħa. Jgħidu illi kienet tikteb u taqra l-*Leħen is-Sewwa* u l-fuljett tar-raħal *Il-Mellieħa*, u li baqgħet tagħmel hekk sa mewtha. **Catherine Frendo** tikkonferma illi *"assolutament mhux*

[20] A fol 204 *et seq* tal-proċess

*minnu li fl-aħħar xhur tas-sena 2021, u sakemm mietet, kienet tinsa jew tħawwad jew ma tagħrafniex jew tinsiena. [...] Qatt ma kellna problema nifthiemu magħha, jew li tifhimna, lanqas bit-telefon."*[21] Hekk ukoll **Pauline Vella** tixhed illi, *"Dejjem f'sensiha sibtha. Dejjem kellimtha bis-sens u kienet taf x'qed tgħidli. Dejjem għarfitni u staqsietni għat-tfal u l-familja b'isimhom."*[22]

44. B'verżjonijiet daqstant kunfliġġenti, din il-Qorti ddur għal xhieda ta' terzi, u cioe ta' persuni illi m'għandhomx interess personali fil-mertu tal-kawża odjerna, fosthom ix-xhieda ta' **Princess Pamela Timbas**[23], illi dehret ukoll fuq it-testment in kwestjoni bħala xhud u kienet taħdem bħala *carer* f'APAP Institute meta kienet tirrisjedi hemm Nazzarena Cauchi. Mistoqsija dwar is-saħħa mentali ta' Nazzarena Cauchi, ix-xhud qalet illi, *"She is ok, a bit forgetting, but she is ok."* Mistoqsija mbagħad dwar l-atmosfera dakinhar illi sar it-testment, hija qalet illi, *"It was calm and easy as I mean, it is a normal thing that Nazzarena is reading I think the paper. [...] She is ok, she is smiling, I think she is on her right mind, doing the things."* Mistoqsija mbagħad jekk taħsibx illi Cauchi kienet taf x'inhi tagħmel meta għamlet l-aħħar testment, ix-xhud irrispondiet fl-affermattiv billi qalet, *"As of my understanding yes, because she signed it herself, so I mean she took a pen I saw her and they said she is asking I sign here, she signed herself."* Hekk ukoll, **Sr Phyllis Grima**, mistoqsija kif kien l-istat mentali ta' Nazzarena Cauchi fl-aħħar sena ta' ħajjitha, tibda billi tippremetti illi hija mhix tabiba, iżda illi, *"Hi kienet tatha stroke qabel daħlet il-home u baqgħet dejjem tiddeterjora f'dak il-, anke kienet timxi tuża ir-rolater imma mbagħad anke fl-ispeech dan l-aħħar ma kontx tifhimha. [...] Meta kont nitkellem nitkellem magħha u kien jirnexxieli nifhimha ma kontx inħoss li hemm diffikultajiet. Kienet tifhimni."*[24]

45. Il-Qorti semgħet ukoll ix-xhieda ta' **Dr Michael Azzopardi**, illi, għalkemm ma kienx it-tabib kuranti tagħha per se, kien jitqabbad mis-sorijiet sabiex

[21] A fol 210 tal-proċess
[22] A fol 211 tal-proċess
[23] A fol 108 *et seq* tal-proċess
[24] A fol 121-122 tal-proċess

jagħmel *routine health check-ups* lir-residenti, u ġie li kellu l-opportunita' jikkomunika ma' Nazzarena Cauchi. Jixhed Dr Azzopardi kif isegwi:

*Dr Lia* *Imma din is-sinjura jiġifieri kont tikkomunika magħha?*

*Xhud* *Iva.*

*Dr Lia* *Jiġifieri kienet taf x'qed tgħidlek.*

*Xhud* *Iva*

*Dr Lia* *U kont kapaċi jew kont f'sitwazzjoni li tikkomunika magħha dak li trid tgħidilha?*

*Xhud* *Kont komdu magħha iva.*

*Dr Lia* *Ok kienet tifhem.*

*Xhud* *Iva iva iva kienet tifhem iva.*

46. Bla dubju, iżda, il-prova kardinali hija dik tal-psikjatra **Dr Joseph Cassar**. **John Cauchi (452562M)** jixhed illi huwa kien prokuratur ta' Nazzarena Cauchi, iżda meta kien ser jinstab bejgħ għall-proprjeta' tal-Mellieħa, huwa deherlu illi ma kellux ikun prokuratur waħdu, u ssuġġerixxa illi jinħatar prokuratur miegħu għal dan il-għan kuġinuh John Cauchi (302253M). Huma marru jkellmu lin-Nutar Tony Abela, u dan qalilhom illi sabiex jagħmel il-prokura, ried illi jiġi ċertifikat li Nazzarena Cauchi kienet kapaċi tagħti prokura. Għaldaqstant huma avviċinaw lil Dr Joseph Cassar sabiex imur jara lil Nazzarena Cauchi. Din ma kinitx l-ewwel darba illi kien raha Dr Joseph Cassar lil Nazzarena Cauchi, u infatti ġie esbit in atti ċertifikat ieħor tiegħu, datat 28 ta' Lulju 2015[25], illi fih iddikjara bil-ġurament illi,

[25] **Dok JC2** a fol 219 tal-proċess

*Her short term memory and concentration as examined by the Mini-Mental State Examination are within normal for her age. She is aware of her assets and administration thereof, and is oriented to time, place and person.*

*Ms Nazarena Cauchi can exert fully her civil rights and has full testamentary capacity.*

47. Fiċ-ċertifikat rigward il-prokura, datat 11 ta' Novembru 2021[26], Dr Joseph Cassar iddikjara bil-ġurament tiegħu illi:

*Ms Cauchi has slight cognitive deficits pertaining to her age. Her short-term memory and concentration are very good. She is fully aware of her assets and administration thereof and is oriented to time, place and person.*

*Ms Nazarena Cauchi holder of ID card number 0100531M has the full mental capacity to appoint a general power of attorney.*

48. Il-prokura ngħatat nhar is-16 ta' Novembru 2021, a bażi taċ-ċertifikat rilaxxat minn Dr Joseph Cassar fil-11 ta' Novembru 2021. Nhar it-18 ta' Novembru 2021, intuża l-istess ċertifikat sabiex Nazzarena Cauchi tagħmel l-aħħar testment tagħha. **John Cauchi (302253M)** jixhed in kontro-eżami[27] illi dakinhar illi n-Nutar Abela mar biex jagħmel il-prokura, talabhom joħorġu mill-kamra għaliex Nazzarena Cauchi xtaqet tkellmu, u kien f'dan il-mument illi saru jafu illi Nazzarena Cauchi kienet ser tibdel it-testment. Huwa jidher illi għandu l-impressjoni illi l-prokura u t-testment saru fl-istess ġurnata, iżda d-dati ta' fuq l-istess żewġ dokumenti jixhdu mod ieħor;

[26] A fol 218 tal-proċess
[27] A fol 229-230 tal-proċess

49. Gialdarba l-eżami illi għamel Dr Joseph Cassar kien dwar għotja ta' prokura, qamet naturalment il-mistoqsija jekk l-istess eżami kienx ikollu l-istess eżitu li kieku kien intiż għall-bdil ta' testment. Huwa jispjega fl-affidavit tiegħu[28], illi:

> *Meta psikjatra jintalab jassessja klijent fuq il-kapaċita' testamentarja tiegħu, jew tagħha, biex jaħtar prokuratur permezz ta' prokura ġenerali, jew li jagħmel testment, wieħed irid jassessja jekk il-klijent għandux xi nuqqasijiet konjittivi maġġuri, li jżommuh milli jifhem it-tifsira u l-konsegwenzi li jagħti prokura jew jagħmel testment. Wieħed irid jaċċerta ruħu wkoll li l-klijent jaf x'inhuma l-assi tiegħu (kemm mobbli kemm immobbli). Aħna nassiguraw ruħna wkoll li l-klijent ma jkunx ġie mġiegħel b'xi theddid, biex jagħmel il-prokura jew it-testment.*
>
> *Minn dan jidher li jekk il-klijent ikollu l-kapaċita' li jagħti prokura, dan ikollu wkoll kapaċita' li jagħmel testment, billi l-mistoqsijiet li nagħmlu fl-eżami tagħna jkunu prattikament l-istess.*

50. In kontro-eżami, Dr Cassar jikkonferma illi meta għamel l-eżami tiegħu, huwa tkellem ma' Nazzarena Cauchi dwar prokura, u mhux dwar testment, iżda ċċara wkoll illi,

> *Il-mistoqsijiet jimxu skont dak li jgħid il-mental state examination. Jiġifieri jħares lejn l-orjentazzjoni, iħares lejn il-lingwa, iħares lejn il-konċentrazzjoni, iħares lejn il-mod kif jirraġuna l-persuna, imbagħad kwantu testment u kwantu power of attorney inti trid tkun taf one li jifhmu x'inhu testment u x'inhu power of attorney, u two li qed jagħmluh minn jeddhom u li ma ġewx imġegħlin u three*

[28] A fol 221 tal-proċess

*illi jafu x'għandhom bħala assets, kemm dawk li huma mobbli u kemm dawk li huma immobbli, u li jkollhom l-għarfien tagħhom.*[29]

51. Ġie mistoqsi wkoll in kontro-eżami jekk aċċertax ruħu illi ma kienx hemm theddid, għal liema mistoqsija Dr Cassar wieġeb, *"La tajtha l-fakulta' ta' power of attorney definitely irrispondiet li ma kinitx imġiegħla."*[30];

52. Meqjus il-premess, din il-Qorti tirrileva illi b'kuntrast ma dak sostnut mir-rikorrenti, il-provi (esklużi l-affidavits tar-rikorrenti) juru b'mod manifest illi Nazzarena Cauchi kienet mentalment stabbli u ben konxja ta' dak illi kienet qed tagħmel u li riedet tagħmel, b'dana illi t-testment tat-18 ta' Novembru 2021 juri l-volonta' sħiħa tagħha. Jirriżulta mill-assjem tal-provi illi għalkemm kien hemm mumenti fejn forsi ma kinitx titkellem ċar, dan ma kienx rifless fl-intelliġenza tagħha, u infatti kienet tifhem dak illi wieħed jgħidilha u kienet kapaċi tifhem dak illi hija qiegħda tagħmel;

53. Bid-dovut rispett kollu lejn ir-rikorrenti, din il-Qorti ma tarax kif setgħu jaslu għall-konklużjoni illi Cauchi ma kinitx fil-pussess tal-fakoltajiet mentali tagħha meta kienu ilhom ma jarawha għal diversi snin sa Novembru 2021, u bbażaw il-pretensjonijiet tagħhom fuq telefonati illi kienu jagħmlulha minn żmien għall-ieħor, u infatti tqis illi l-atturi ma rnexxielhomx jipprovaw il-każ tagħhom skont il-liġi;

54. In oltre, din il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi d-disposizzjonijiet fit-testment, in kwantu jaħsbu fin-neputijiet ta' Malta u mhux f'tal-Awstralja, kienu wkoll raġjonevoli, stante illi kienu ta' Malta n-neputijiet illi hija kienet tara ta' sikwit u tqatta' l-aktar ħin magħhom. Ir-rikorrenti fl-affidavits tagħhom jgħidu illi filwaqt illi qabel il-pandemija tal-COVID-19 huma kienu jiġu Malta ta' sikwit, mill-2020 'il quddiem ma ġewx Malta, u kienu jikkomunikaw biss ma' Nazzarena Cauchi permezz tat-telefon. Ikkunsidrat dan il-fatt, din il-Qorti ma teħodhiex bi kbira illi Nazzarena Cauchi biddlet it-testment tagħha wara

[29] A fol 246 tal-proċess
[30] A fol 247 tal-proċess

l-pandemija tal-COVID-19 sabiex ħasbet fin-neputijiet illi kienu hawn u baqgħu jmorru jżuruha. Dan sabiex ma jingħadx ukoll illi, effettivament, fit-testmenti preċedenti, hija kienet innominat lil ħutha, u cioe l-ġenituri tal-partijiet f'din il-kawża, fi kwoti ndaqs bejniethom, u mhux lin-neputijiet, u aktar tqis kredibbli din il-Qorti illi Cauchi kellha relazzjoni aktar b'saħħitha ma' ħutha (u konsegwentement kienet lesta tinnominahom eredi tagħha b'mod ugwali) milli man-neputijiet tagħha, irrispettivament minn jekk kinitx tħobbhom, tirrispettahom u tgħożż il-ħin illi kienet tqatta' man-neputijiet jew le;

55. Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi t-testatriċi kienet fi stat mentali tajjeb meta għamlet it-testment tat-18 ta' Novembru 2021, b'dana illi l-istess testment għandu jitqies bħala wieħed validu;

56. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

**Decide**

57. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tiċħad** l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti, għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza; u konsegwentement

ii. **Tiċħad** it-tielet talba rikorrenti stante illi hija konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti nomine.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**

**Deputat Reġistratur**